MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 1/2006

**P. P. Frangiskani**

**vs**

**Forestals (App) Ltd**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Dicembru, 2005, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-24 ta' Mejju 2005 fejn ir-Rikorrenti talbu danni ta' tminn mitt Lira Maltin (Lm800) rapprezentanti prezz ta' forn li wara li beda jintuza dan beda jintefa u anke infaqqghet il-hgiega.

L-intimat ipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kienu xtraw forn minghand id-ditta ntimata pero` dan kellu diversi problemi fosthom li beda jintefa' u anke nfaqghet il-hgiega ta' quddiem;

2. L-intimat issottometta li l-garanzija ma tkoprix il-hgieg u kienet traskuragni da parte tar-Rikorrenti li gara hekk.

3. It-Tribunal wara li sema' lill-partijiet jinnota li l-versjoni tar-Rikorrenti hija aktar kredibbli stante li l-forn ma hadimx tajjeb mill-bidu.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-Rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' seba' mija u hamsin Lira Maltin (Lm750) bl-ispejjez kontra l-istess intimat u b' dan illi l-forn jigi propjeta ta' l-intimat wara li jsir il-hlas."

Is-socjeta` konvenuta fl-impunjattiva taghha kontra din is-sentenza, tissottometti b' aggravji illi t-Tribunal skarta l-fatt illi l-garanzija pprovduta minnha ma kienetx tkopri l-hgiega tal-forn vendut u li, inoltre, ghalkemm taqbel li l-istess forn ma kienx qed jahdem tajjeb dan ma kienx dovut ghal xi difett fih izda ghall-uzu mhux idoneju mill-appellati. Is-socjeta` appellanti tilmenta wkoll illi d-decizjoni ma tikkontjenix dettalji tar-ragonament tat-Tribunal;

Hi disposizzjoni espressa tal-ligi, ex-Artikolu 22 (2) ta' l-Att XXVIII ta' l-1994, illi appell lil din il-Qorti hu konsentit <u>biss</u> meta t-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja

naturali u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b' mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella. Rigwardata din il-materja mill-punto di vista ta' l-*iter* processwali quddiem it-Tribunal ma jirrizultax li dan ma kienx wiehed regolari. Fih is-socjeta` appellanti inghatat l-opportunita` shiha li tipprezenta l-kaz taghha u tiddefendi ruhha kontra l-pretensjoni ta' l-atturi. Taht dan l-aspett ma kien hemm ebda regola ta' gustizzja naturali li giet vjolata u mhux il-kaz allura li din il-Qorti ticcensura l-operat tat-Tribunal;

Jekk minn naha l-ohra s-socjeta` appellanti qed tintendi li l-lezjoni ta' gusitizzja naturali tikkonsisti fil-fatt illi t-Tribunal ma ddecidiex il-mertu quddiemu skond il-gustizzja sostanzjali tal-kaz u skond l-ekwita` [Artikolu 21 (1) ta' l-Att] jokkorri li tigi ezaminata l-valutazzjoni ta' fatt li jkun ghamel l-arbitru biex wasal ghad-decizjoni tieghu. Intqal li "huwa wkoll principju ta' gustizzja naturali illi l-gudikant ghandu jiddeciedi *iuxta allegata et probata* u ma jistax jiddeciedi manifestament u ovvjament kontra dak li gie quddiemu provat". ("**Carmel Gerada -vs- Charles Borg Barthet (Beta Centre)**", Appell, 29 ta' Jannar 1999);

Huwa dejjem necessarju pero` li qabel kull konsiderazjoni ohra jigi sottolinejat illi fil-gudizzju arbitrali l-valutazzjoni specifika hi wahda libera u elastika u takkorda l-poter li l-arbitru jiddevja mir-rigur tas-*summum jus* in relazzjoni ghall-elementi partikulari, cikostanzi u sitwazzjonijiet. Dan in raguni ghall-possibbli kuntrast bejn in-norma tad-dritt u l-principju tal-gustizzja sostanzjali u dak ta' l-ekwita`. Jibbasta ghalhekk li l-arbtiru jirrikorri ghall-kriterji tal-prudenza u ta' l-opportunita` li jidhru aktar ekwi ghall-kuxjenza tieghu. Naturalment, dan ma jfisserx li ma ghandux ukoll id-dover ta' l-osservanza u ta' l-applikazzjoni tan-normi tad-dritt fejn, fil-fattispeci, dan ikun jikkoincidi ma' l-ekwita` u mal-gustizzja sostanzjali;

Dan premess, jidher mil-korp tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata illi t-Tribunal, fuq il-fatti u l-osservazzjonijiet lilu sottomessi sab li l-versjoni ta' l-

appellati kienet aktar kredibbli. "Motivazzjoni din li hi adegwata biex tesprimi konkluzjoni fuq apprezzament ta' prova, mismugha *viva voce*, meta l-mertu ma kienx jinvolvi finalment punt ta' dritt rilevanti" ("**Charles Sultana *et* -vs- A. C. K. Ltd**", Appell, 27 ta' Ottubru 2000);

Issa hu veru li s-socjeta` appellanti tillanja illi t-Tribunal injora l-patt inserit fil-garanzija illi ma kienx hemm kopertura ghall-hgiega tal-*cooker*. Dwar dan irid jinghad illi anke jekk accettat illi l-garanzija appattwita topera b' mod awtonomu u indipendenti mill-garanzija *ex lege* taht il-Kodici Civili, it-tutela assikurata lix-xerrej mill-garanzija ghall-vizzji fl-oggett komprat u l-mankanza tal-kwalita` ma tistax tigi negata lilu. F' liema kaz, ix-xerrej jibqalu kull dritt jipprevalixxi ruhu mir-rimedju generali tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt jew tar-riduzzjoni fil-prezz;

Jinsab ritenut illi "biex ikun hemm limitazzjoni tal-garanzija legali jehtieg li jkun hemm ftehim car li juri dik il-limitazzjoni li biha jkunu kuntenti z-zewg partijiet. Il-fatt li fuq id-dokument ikunu mnizzlin certi patti ta' garanzija, bhal fil-kaz prezenti, ma hux bizzejjed, wahdu, biex jiskludi l-garanziji aktar ampji li taghti l-ligi, ghax jehtieg li c-cirkostanzi tal-kaz ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b' dik il-limitazzjoni tal-garanzija ghal dak biss li jkun epsress fid-dokument b' eskluzjoni tal-garanzija legali, jew inkella li l-kundizzjonijiet tad-dokument ikunu nkonciljabbli mal-garanzija legali. Din hija kwistjoni ta' fatt u apprezzament ta' provi, li ghandha tarah il-Qorti". (**Kollez. Vol. XLI P I p 657**);

Ghat-Tribunal jidher li l-accertament ta' fatt li l-*cooker* kien inidoneju ghall-uzu tieghu kienet verifika insita fl-oggett innifsu u mhux minn xi adoperu zbaljat da parti ta' l-appellati. Taht dan il-profil dak l-accertament u dik il-verifika kienu, oggettivament, l-ezitu tal-kumpless tal-kunsiderazzjonijiet li ghamel it-Tribunal. F' dan l-ezercizzju din il-Qorti ma tirravizax li t-Tribunal kien b' xi mod parzjali bi ksur tal-principju ta' gustizzja naturali;

Is-socjeta` appellanti tirrikonoxxi li l-*cooker* ma kienx qed jahdem tant li kellha tirrikorri ghal xi modifikazzjoni tal-panel tieghu, anke jekk hi tghid li meta installatu dan kien tqieghed f' posizzjoni tajba. Din id-dikjarazzjoni taghha ma gietx accettata mit-Tribunal u dan jidher li ta aktar affidament lill-versjoni ta' l-appellati. F' din il-valutazzjoni t-Tribunal kien l-uniku arbitru, u gjaladarba, kif fuq intqal, din il-Qorti ma ssib xejn fl-agir tat-Tribunal li jilledi d-dettami tal-gustizzja naturali skond il-ligi, mhux il-kaz li tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------